**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA**

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 9

**21 ta' Ottubru 2024**

Il-Kunsill Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Desirei Grech
Maurizio Gauci
Kaylocke Buhagiar
Luke Vella
Antoine Attard
Marie Claire Zammit Bonello
Yana Borg Debono Grech

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Gilmour Borg
Jade England
Stefano Sicari
Karl Cutajar
Alfred Attard
Rosette Cassar

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti: Desirei Grech, Maurizio Gauci, Kaylocke Buhagiar, Luke Vella, Antoine Attard, u Marie Claire Zammit Bonello. Preżenti wkoll kien hemm is-Sa Mandy Farrugia, is-Segretarju tal-Eżekuttiv.

**9.1. Qari tal-ittri tal-apoloġiji**

9.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-ħamsa u sitta u għoxrin ta' filgħaxija. Is-Sindku Desirei Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

9.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv bdiet billi infurmat lill-kunsilliera preżenti li assenti b'apoloġija kien hemm Gilmour Borg, Jade England, Stefano Sicari, Karl Cutajar, Alfred Attard u Rosette Cassar.

**9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

9.2.1 Il-minuti ta laqgħa numru 4 (laqgħa b'urġenza) ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

9.2.2 Il-Minuti ġew approvati mill-Viċi Sindku Maurizio Gauci u l-Kunsilliera Marie Claire Zammit Bonello ssekkonda dawn il-minuti.

9.2.3 Il-minuti ta laqgħa numru 5 (laqgħa b'urġenza) ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

9.2.4 Il-Minuti ġew approvati mill -Kunsilliera Marie Claire Zammit Bonello u l-Kunsillier Luke Vella ssekkonda dawn il-minuti.

9.2.5 Il-minuti ta laqgħa numru 7 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

9.2.6 Il-Kunsilliera Marie Claire Zammit Bonello xtaqet tikkoreġi minuta 7.3.1. Din tittratta dwar Triq San Ġiljan fejn hemm miktub li hi talbet li ssir laqgħa qabel tibda tinqala' t-triq. Hi qalet li talbet laqgħa ma' tal-Water Culverts. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li għad m'għandniex tweġiba mingħandhom. Il-Kunsilliera Marie Claire Zammit Bonello ċċarat li fil-minuti għandu jitniżżel li l-ewwel għandha ssir laqgħa ma' tal-Water Culverts, imbagħad issir laqgħa mar-residenti.

9.2.7 Is-Sur Kaylocke Buhagiar staqsa jekk din it-triq għadhiex bil-konkos. Il-Kunsilliera Zammit Bonello wieġbet li x-xogħol beda u bidlu d-drenaġġ.

9.2.3 Il-Viċi Sindku Maurizio Gauci approva l-minuti 7 u l-Kunsillier Luke Vella ssekkonda dawn il-minuti.

9.2.4 Is-Sindku staqsiet dwar il-minuti tal-laqgħa numru 8 li ġew approvati minn Marie Claire Zammit Bonello u l-Kunsillier Luke Vella ssekkonda dawn il-minuti.

**9.3 Matters Arising**

9.3.1 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar irrefera għad-diskors li kien sar f'laqgħa preċedenti dwar il-Mitħna. Is-Sindku wieġbet li dik ma tiġix diskussa issa.

9.3.2 Is-Sur Buhagiar wieġeb li l-matters arising mhux qed naqrawha u hekk qed tintilef u tintesa.

9.3.3 Il-Kunsilliera Marie Claire Zammit Bonello semmiet 7.4.3 dwar l-iskema tal-faċċata u jekk din applikajniex għaliha għax stajna napplikaw sad-19 ta' Novembru. Is-Segretraju Eżekuttiv wieġbet li hi bagħtet email.

**9.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

9.4.1 Is-Sindku Desirei Grech qalet li tkellmet mal-Pulizija dwar il-Mitħna u dwar kemm din hija sitwazzjoni urġenti. Ġibna xi stimi biex tiġi mnaddfa, imbarrata u jiġi rranġat il-ħajt fejn hemm qisu taraġ biex ikunu jistgħu jitilgħu minnu, u anke jsir xi tip ta' trenching.

9.4.2 Is-Sindku preżentat 3 stimi li rawhom il-Kunsilliera. Hemm waħda minnhom li mhux inkluż it-trenching u allura dik taqa', Il- Kunsill qazel li immur ghal l-irhas quotazzjoni.

9.4.3 Il-Kunsilliera Marie Claire Zammit Bonello semmiet l-importanza tas-superviżjoni waqt li qed isir ix-xogħol.

9.4.4 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar staqsa jekk morniex irħas minn dak il-prezz li kien ħareġ xahar ilu, u ġie mwieġeb li huwa l-istess. Huwa staqsa wkoll li jekk naqblu, il-flus hux se jkunu mill-Kunsill diretti u jekk hemmx xi entità li tgħin. Ġie mwieġeb li m'hemmx entità li tgħin.

9.4.5 Il-Kunsilliera Yana Borg Debono Grech qalet li xorta jintgħażel it-tender liema l-irħas anke jekk ma tafx min jaħdem l-aħjar.

9.4.6 Il-Kunsilliera Zammit Bonello qalet li għalhekk irid ikun hemm superviżjoni mill-perit.

9.4.7 Il-Kunsilliera Zammit Bonello saħqet fuq it-talba li l-Kunsill irid jagħmel biex din il-mitħna tiġi restawrata u li għal Phase 2 diġà hemm ammont ta' flus lesti.

9.4.8 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar qal li Phase 1 qiegħda f'idejn il-Kunsill u għalhekk jeħtieġ li mmexxu. Fakkar ukoll li hemm ġnien.

9.4.9 Il-Viċi Sindku Maurizio Gauci qal li fil-ġnien hemm problema li filgħaxija hemm xi tip ta' nies li jmorru hemm.

9.4.11 Il-Kunsillier Antoine Attard qal li din ma nistgħux inħarsu lejha bħalha xi ħaġa li mhux se nieħdu xejn minnha. Hu qal li permezz ta' din il-ħidma l-patrimonju tagħna ser jikber. Fil-fatt tkellimna mal-Heritage u l-Plannning Authority li affirmaw dan.

9.4.12 Il-Kunsilliera Yana Borg Debono Grech weġbitu li kulħadd qed jaqbel ma' dan li qed jgħid is-Sur Attard.

9.4.13 Is-Sur Buhagiar qal li importanti li ma jkunx hemm aktar spejjeż li ma nkunux nafu bihom, eżempju tal-Magħtab. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-ispejjeż ser ikunu kollox għalihom.

9.4.14 Is-Sur Kaylocke Buhagiar staqsa jekk hemmx xi ħaġa minn din il-mitħna li jista' jinżamm.

9.4.15 Is-Sur Gauci qal li m'hemm xejn li jista' jinżamm għax hemm eżempju saqqijiet maħmuġa u li hu ġie infurmat li din trid tiġi ġebel u saqaf. Huwa wera li hu kkonċernat l-aktar li hemm id-dawl mingħajr arloġġ.

9.4.16 Is-Sur Kaylocke Buhagiar qal li rridu nirraportaw lil Enemalta dwar dan.

9.4.17 Il-kunsillier Antoine Attard qal li xi ħaġa pożittiva hi li strutturalment mhemmx ħsara, dejjem skont il-perit.

9.4.18 Is-Sindku Desirei Grech staqsiet jekk hux kulħadd jaqbel ma' dan ix-xogħol.

9.4.19 Il-kunsillier Antoine Attard qal li jeħtieġ li ladarba jibda x-xogħol il-perit jibda jiċċekkja x-xogħol.

9.4.20 Is-Sur Kaylocke Buhagiar qal li issa importanti li ladarba titnaddaf ix-xogħol jibqa' għaddej skont il-pjan.

**9.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

9.5.1 Is-Sur Antoine Attard staqsa lis-Sindku li hu laqqa' lir-residenti ta' Fluer de Lys u nefaq somma ta' 25 ewro li jixtieq jieħu lura. Is-Sindku staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv dwar dan.

9.5.2 Is-Sur Buhagiar wieġeb li hu jaqbel li meta wieħed jagħmel xi spejjeż jiġi mħallas imma li jeħtieġ li l-Kunsill jiġi infurmat minn qabel.

9.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia qalet li tkun trid irċevuta tal-ispejjeż u l-Kunsillier Attard wieġeb li hu jista' jagħmel irċevuta għax hu kien ta d-donazzjoni lill-Kappillan.

9.5.4 Is-Sur Buhagiar qal li l-kappillan jista' joħroġ irċevuta hu, u l-Viċi Sindku spjega li San Ġużepp Ħaddiem huma jiktbu meta jirċievu xi donazzjoni. Is-Sur Buhagiar qal li l-kappillan jista' jikteb karta li hu rċieva donazzjoni ta' 25 ewro għas-sala.

9.5.5 Is-Sur Antoine Attard wera wkoll ix-xewqa tiegħu li jagħmel konferenza fuq il-patrimonju Karkariż. Hu għandu pjan li ssir fil-Mużew tal-Bażilika.

9.5.6 Is-Sindku Desirei Grech weġbitu li dwar dan kienu diġà ddiskutuha fl-uffiċċju tagħha quddiem Marie Claire Zammit Bonello u li nistgħu jiddiskutuha s-sotto-kumitat. L-ispiża tkun ta' 5,000 ewro u għalhekk ikun hemm bżonn li jsibu sponsors.

9.5.7 Il-Kunsillier Buhagiar staqsa jekk tistax issir mingħajr ma jintefqu dawn il-flus kollha.

9.5.8 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li s-sotto kumitat jiltaqgħu u forsi jġibu xi sponsors huma.

9.5.9 Is-Sur Attard qal li għal din l-attività jridu jsiru riċerki mill-kelliema. Hu qal ukoll li mhux fest li jmur iħabbat bibien biex ifittex l-isponsors għax għal attivitajiet oħra kienu ħarġu l-flus.

9.5.10 Is-Sa Marie Claire Zammit Bonello staqsiet jekk nistgħux nitolbu l-għajnuna biex naraw jistax isir ċertu xogħol.

9.5.11 Is-Sindku qalet li ser tiċċekkja mas-segretarja fiex aħna bħala finanzi għal dawn it-tliet xhur li ġejjin.

9.5.12 Is-Sur Buhagiar qal li s-soltu l-Kunsill jinvesti ħafna fil-kotba dwar Birkirkara, allura din id-darba forsi jekk mhux se ninvestu f'xi kotba nistgħu naraw il-budget għal din l-attività.

9.5.13 Il-Kunsilliera Borg Debono Grech qalet li jaf insibu nies li tant iħobbu lil Birkirkara u li diġà hemm xi riċerka lesta.

9.5.14 Is-Sindku reġgħet wieġbet li ser tara fiex inhuma l-finanzi u jkunu jistgħu jmexxu.

9.5.15 Is-Sur Attard qal li l-Kunsill jista' jissellef xi flus bħalma ġieli għamel qabel.

9.5.16 Il-Viċi Sindku qal li hu jixtieq li t-triq Kan. I. Scibberras Psaila li ħdimna fuqha u wasalna fl-aħħar iżda għad hemm bla dawl

9.5.17 Il-Kunsillier Buhagiar qal li n-nies ma ridux mal-faċċata tagħhom.

9.5.18 Il-Viċi Sindku mar fuq il-post u tkellem mal-Inġinier Jerome li wieħed mir-residenti ta l-klawsola li fiha m'hemmx miktub li m'hemmx bozza imma li l-aktar għall-airconditions.

9.5.19 Il-Viċi Sindku qal li hemm servizzi għaddejjin u hemm bżonn li tinġieb l-ittra bin-no objection mir-residenti.

9.5.20 Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet resident li akkost ta' kollox ma jridx Bozza fl-isqaq tiegħu.

9.5.21 Is-Sindku staqsiet għalfejn id-dawl ma sarx mill-Gvern u kellu jidħol il-Kunsill għal spiża biex ikun hemm id-dawl.

9.5.22 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar kien qal li darba anke ddiskutejna li jsir dawl mal-art. Qal ukoll li rridu naraw il-korrispondenza kif kienet mal-Enemalta.

9.5.23 Is-Sur Maurizio Gauci spjega li l-kuntrattur qallu li s-66 toroq li saru l-Enemalta tathom lill-Kunsill, ħaġa li m'għoġbotx lill-Kunsilliera.
9.5.24 Għalhekk ġie konkluż li nistaqsu lill-Enemalta għalfejn ma kienx sar ix-xogħol.

9.5.25 Is-Sur Maurizio Gauci staqsa dwar kull bozza li qed nagħmlu ġdida (eż. meta titwaqqa' dar)

9.5.26 Is-Sur Buhagiar staqsa dwar Triq John Borg għax għadha bl-arranġament li l-kuntrattur suppost ħadem imma mhux jaħdem kuljum. Is-segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-extension kellu jagħlaqha bil-ġebel. Buhagiar staqsa biex naraw meta dan ser ilesti x-xogħol għax hekk ser nagħtu lok għal ħaddieħor biex joqogħdu jdawrulna t-toroq.

9.5.27 Irrefera wkoll għall-arkata ta' Wignacourt għax qed tixgħel biss naħa minnhom u tista' tkun perikoluża.

9.5.28 Marie Claire Bonello staqsiet dwar it-traffic management in-naħa tas-Swatar u Ta' Paris. Qalet li hemm bżonn isir studju.

9.5.29 Is-Sur Buhagiar qal li hemmhekk żviluppa ħafna u għalhekk ser ikomplu jiżdiedu l-problemi. Hu qal ukoll li meta jagħmel xi toroq Transport Malta għandu jagħmel ukoll il-pjan tat-traffiku.

9.5.30 Il-Kunsilliera Yana Borg Debono Grech staqsiet jistax ikollna lista tat-toroq li ser isiru minn Transport Malta.

9.5.31 Il-Viċi Sindku qal li l-aħjar l-ewwel jiltaqa' l-Kunsill bil-lista tat-toroq u nagħmlu pjanta u mmorru Transport Malta bil-pjan lest. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

9.5.32 Is-Sur Attard ġibed l-attenzjoni li Triq l-Indjana ma' Triq Fleur De Lys kien hemm biċċa qisha gradilja miżbugħa safra. Issa nqalgħet it-triq baqgħet mhux kompluta u lanqas saru l-culverts.

9.5.33 Qal ukoll li hemm bżonn jaraw ftit kif sar is-siment, għax dak huwa ramel, għax qed jittiekel kollu.

**9.6 Deċizjoni dwar impjegat ġdid jew tender għal ħaddiem ta barra.**

9.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet jekk hux se jidħol ħaddiem ġdid. Is-Sindku wieġbet li aħna ġibna tender ta' ħaddiem li jużaw kunsill ieħor. Dan il-ħaddiem jieħu 21 ewro fis-siegħa, u għalhekk irrisu nistabilixxu jekk jaqblilniex li jkun ħaddiem ġdid jew le. Qalet li kieku joħroġ tender aħna naqblu li tkun kumpanija.

9.9.2 Il-Kunsilliera qablu li l-aħjar nieħdu tender ta' kumpanija u mhux ħaddiem wieħed.

**9.7 Tender - Ġonna**

9.7.1 Is-Sindku talbet għal vot individwali dwar jekk jaqblux li jkollna tender għall-ġonna.

9.7.2 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar staqsa xi jkun jinvolvi eżatt dan ix-xogħol tat-tender. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dan jieħu ħsieb il-ħamrija, tisqija, qtugħ eċċ.

9.7.3 Is-Sa Desirei Grech qalet li hemm bżonn tender għax hekk ikun hemm xi ħadd espert f'dan il-qasam. Imbagħad naraw x'jinvolvi eżatt ladarba jibda l-proċess.

9.7.4 Is-Sur Kaylocke Buhagiar li din hija xi ħaġa ġdida u m'hemmx triq oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li darba kien hemm tender fuq hekk.

**9.8 Tender – Perit**
Il-Kunsilliera qablu li jkun hemm tender.

**9.9 Tender – Maintenance**

Il-Kunsilliera qablu li jkun hemm tender.

**9.10 Dekasteri**

9.10.1 Is-Sindku Desiree Grech qrat lill-Kunsilliera preżenti kif ġew aġġornati d-dekasteri u x'responsabbiltajiet jaqgħu taħt il-Kunsilliera.

9.10.2 Is-Sindku qalet li f'kull laqgħa tiġi aġġornata ta' x'qed jiġri f'kull dekasteru.

9.10.3 Is-Sindku qalet li d-dekasteru tal-attivitajiet ha jinkludi l-attivitajiet kollha u dawn għandhom ikunu taħt id-dekasteru tas-Sindku u tal-Kunsillier Kaylocke Buhagiar. Ix-xogħol fuq l-attivitajiet se jibda minnufih, u kull min jixtieq jgħin jista' jagħmel dan billi jigi l-Kunsill. Jekk ikun hemm bżonn, jista' jinholoq sotto-kummitat.

9.10.4 Il-Kunsillier Antoine Attard qajjem punt dwar il-bżonn li xi ħadd jieħu ħsieb l-applikazzjonijiet u jassessja l-impatt li ser ikun hemm fuq ir-residenti. Hu qal li l-Planning

Authority jistgħu jagħtuna l-lista tax-xogħlijiet ta' żvilupp f'Birkirkara. Borg Debono Grech wieġbet li mhux possibbli li l-ħaddiema tal-Kunsill joqogħdu jaraw kollox.

9.10.5 Il-Viċi Sindku Maurizio Gauci qal li għandna nkunu nafu fejn ikun hemm proġetti kbar għax ser jolqtu lil ħafna residenti.

9.10.6 Il-Kunsillier Luke Vella qal li hemm xi rħula li qabdu lil xi nies jissorveljaw l-iżviluppi fil-lokalità.

**9.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

9.11.1 Kaylocke Buhagiar tkellem dwar il-vann tal-anzjani li għadna nikruh li rridu naraw x'se nagħmlu dwaru. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li applikaw kumpanija, u f'Jannar kellu jiġi vann iżda ma ġiex, f'April ukoll baqa' ma ġiex.

9.11.2 Buhagiar issuġġerixxa li ladarba dawn ma ġewx, iġibu vann ieħor jew inkella karozza li jidħol wheelchair fih.

9.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat id-differenza bejn il-vannijiet tad-Day Care Centre u dak il-vann li konna se nġibu mill-iskema tal-LESA, iżda qatt ma wasal, imbagħad ġibna wieħed li ma kienx electric.

9.11.4 Il-Kunsilliera Yana Borg Debono Grech qalet li n-nies ma jafux li qed jiġi offrut dan is-servizz.

9.11.5 Is-Sur Buhagiar semma wkoll il-punt dwar il-vannijiet tal-ħaddiema u għalfejn wieħed minnhom qed nikruh. Is-Sindku qalet li dan jista' jitwaqqaf. Semma wkoll il-karozzi li xtrajna maż-żmien.

9.11.6 Il-Kunsillier Antoine Attard semma li għadu mhux konvint dwar is-CCTVs li tkellimna fuqhom għax qal li hi spiża kbira u staqsa x'qed isir minnhom.

9.11.7 Il-Kunsilliera Borg Debono Grech saħqet li l-kameras waħidhom mhux biżżejjed imma importanti wkoll li jkun hemm id-dixxiplina. Qalet ukoll jekk nistgħux naraw jekk hemmx xi ħaġa mill-antiki li nistgħu nerġgħu nużaw.

9.11.8 Antoine Attard irrefera wkoll għan-numru 23 meta weħilna multa. Is-Sindku spjegat li fi Triq il-Kbira weħilna multa ta' 1000 ewro minħabba li kollha kemm aħna qbilna li jsir ix-xogħol fi Triq il-Kbira u ma tlabniex permess lil Transport Malta.

9.11.9 Antoine Attard qal li ilu minn Jannar jistaqsi dwar l-irħam kemm ordnajna, kemm ħallasna u min ħadimhom. Staqsa jekk il-kunsill approvax li jsiru. Kaylocke Buhagiar qal li l-irħama ta' Fleur de Lys ma telgħetx kunsill u saret xorta.

9.11.10 Qamet diskussjoni dwar it-tabella ta' merħba fi Fleur De Lys għax hemm opinjonijiet differenti ta' x'kellu jinkiteb fuqha.

**9.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

9.8.1 Il-laqgħa ġiet fit-tmiem fis-7.17pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda kollha.

9.8.2 Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun it-Tlieta 19 ta' Novembru fis-6pm.

Desiree Grech

Maurizio

Mary Claire

Mandy Farrugia